

[isem id-debitur tat-tariffa]
[indirizz tad-debitur tat-tariffa]

Frankfurt am Main
[JJ XX SSSS]

Telefon (tim ta' appoġġ): +49 69 1344 4690
Email: SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu
Referenza tal-ħlas: [numru ta' referenza]

Avviż ta' tariffa

Il-BĊE iddeċieda li t-tariffa superviżorja annwali tagħkom hija skont kif ġej:

1) Komponent minimu fiss [SI]/[LSI]	EUR	[]
2) Komponent varjabbli [SI]/[LSI]	EUR	[]
<hr/>		
Tariffa superviżorja annwali	EUR	[]

Skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013, il-BĊE jimponi tariffa superviżorja annwali fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti u l-friegħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti.

Dan l-avviż ta' tariffa jispjega t-tariffa superviżorja annwali li għandha tiġi mill-istituzzjoni tagħkom kif iddeterminat skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/41) għall-perijodu tariffarju [SSSS].

It-tariffa superviżorja annwali ġiet ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (ECB/2014/41) u, b'mod partikolari, wara li ġew meqjusa dawn l-elementi:

- Il-klassifikazzjoni tal-istituzzjoni tagħkom bħala [inqas] sinifikanti għall-perijodu minn [JJ XX SSSS] sa [JJ XX SSSS].
- L-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali, kif stabbilit fid-Deċiżjoni (UE) 2017/760 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2017/11) u ppubblikat fuq is-sit elettroniku tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE.
- Assi totali ta' EUR [] u skopertura għar-riskju totali ta' EUR [], kif stabbilit skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/530 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/7).

Termini għall-ħlas

It-tariffa superviżorja annwali għandha titħallas fi żmien 35 jum mid-data meta jinħareġ l-avviż ta' tariffa, mingħajr spejjeż għall-BĊE. Jekk l-istituzzjoni tagħkom ipprovdiet lill-BĊE b'mandat iffirmit ta' debitu dirett qabel ma nħareġ dan l-avviż ta' tariffa, it-tariffa superviżorja annwali tiġi ddebitata direttament mill-kont tagħkom fi żmien 35 jum mid-data tal-ħruġ tal-avviż ta' tariffa.

Inkella, jekk jogħġobkom ħallsu permezz ta' trasferiment bankarju jew permezz ta' TARGET2, waqt li tikkwotaw ir-referenza ta' ħlas tagħkom.

Ħlas permezz ta' trasferiment bankarju	Ħlas permezz ta' TARGET2
Ħlas lil: MARKDEFF (bank korrispondenti) IBAN: DE67504000000050402406 Benefiċjarju: Il-Bank Ċentrali Ewropew MSU	Ħallas lil: ECBFDEFFSSM (riċevitur fl-intestatura tal-messaġġ ta' trasferiment SWIFT) Benefiċjarju: ECBFDEFFSSM

Notifika

Dan l-avviż ta' tariffa huwa nnotifikat lilkom skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41).

Reviżjoni

Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, talba għal reviżjoni amministrattiva interna ta' dan l-avviż ta' tariffa tista' tiġi ppreżentata lill-Bord Amministrattiv ta' Reviżjoni tal-BĊE fi żmien xahar mid-data ta' notifika ta' dan l-avviż ta' tariffa. Dik it-talba għandha tintbagħat, preferibbilment bil-posta elettronika, lil: ABOR@ecb.europa.eu; jew bil-posta lil: The Secretary of the Administrative Board of Review, European Central Bank, Sonnemannstrasse 22, 60314 Frankfurt am Main, Il-Ġermanja. Aktar tagħrif dwar il-proċedura ta' reviżjoni jinsab fid-Deċiżjoni BĊE/2014/16 tal-Bank Ċentrali Ewropew. Skont l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/16, talba għal reviżjoni m'għandhiex effett sospensiv awtomatiku. It-talba għar-rieżami hija mingħajr preġudizzju għad-dritt li jsiru proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Dan huwa dokument iġġenerat bil-kompjuter li huwa validu
mingħajr firma**

Jekk jogħġobkom irreferu għal

<https://www.bankingsupervision.europa.eu/organisation/fees/html/index.mt.html> għal dettalji dwar il-metodoloġija tal-BĊE għal tariffi superviżorji, il-qafas legali u informazzjoni dwar l-ispejjeż annwali tal-BĊE relatati mal-MSU li huma allokati permezz ta' tariffi.